MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 377/2008

**Talba Nru: 377/2008VGD**

Mobisle Communications Limited (C24655).

Vs

Sammy Attard.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ tlett elef, mitejn u disa u erbghin Ewro u centezmu (€3249.01) liema somma tirrapprezenta bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici skond Client Contract Number 1017826 rigward servizzi lilu rezi fix-xhur ta’ bejn

Gunju 2007 u Novembru 2007. Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Frar 2008, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma l-Avviz, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' tlett elef, mitejn u disa u erbghin Ewro u centezmu (€3249.01), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------